MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 355/2007

V.G. Tiles Co. Limited (C6957)
vs
Malta Industrial Parks Limited (C28965)

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti li bih esponiet:

1. Illi s-socjeta' attrici ilha tokkupa l-fabbrika ATD006 kif ukoll ix-*Showroom* ATD015A fil-Qasam Industrijali ta' H'Attard ghal madwar hamsa u ghoxrin sena (25) b'titolu ta' kera;

2. Illi f'dawn l-ahhar granet ir-rikorrenti ipprova jhallas il-kera dovuta lis-socjeta' konvenuta kif huwa jaghmel solitament izda tali kera giet irrifjutata mill-istess socjeta` u *per di piu* ir-rikorrenti gie mgharraf illi l-ahhar zewg pagamenti ta' hames mitt lira l-wiehed illi huwa kien wettaq favur is-socjeta` konvenuta fl-ahhar tas-sena 2006

permezz ta' zewg *bank drafts* kienu ser jigu irritornati mhux imsarrfa;

3. Illi in segwitu ghal dan l-agir ir-rikorrenti tkellem ma' rapprezentant tas-socjeta` konvenuta sabiex jindaga ghalfejn il-hlas tal-kirja ma giex accettat, li infurmah illi fuq struzzjonijiet ta' Martin Bowerman, li huwa *Head Micro-Enterprise & Entrepreneurship* tal-Malta Enterprise, huwa ma kienx ser jaccetta aktar kirjiet mill-attur stante li kienet ser tohrog *eviction order* ghall-fabbrika ATD006 mill-aktar fis;

4. Illi l-attur kellem lill-imsemmi Martin Bowerman f'laqgha li saret fil-fabbrika in kwistjoni, illi ikkonferma li l-Malta Enterprise kienet bi hsiebha tizgombra lis-socjeta` attrici mill-imsemmija fabbrika stante li allegatament din kienet qed tokkupa s-sit fuq deskritt minghajr titolu validu, u sahansitra iddeskriva lir-rikorrenti bhala *squatter*;

5. Illi waqt laqgha ohra li saret fil-21 ta' Marzu 2007, l-istess rapprezentant tal-Malta Enterprise ghamel proposta bonarja lir-rikorrenti li permezz taghha offra li r-rikorrenti jizgombra min-nofs is-sit minnu mikri u jhallas dawk l-arretrati ta' kera li kien hemm pendenti. Ir-rikorrenti irrifjuta din l-offerta u ghalhekk l-imsemmi Bowerman ta l-ahhar avviz lir-rikorrenti li kien ser johrog l-*eviction order* b' mod immedjat;

6. Illi s-socjeta` attrici ilha tikri s-sit *de quo* sa mill-1986, minn meta l-Malta Development Corporation kienet harget *Letter of Intent* favur is-socjeta` attrici li permezz taghha approvat l-allokazzjoni ta' l-imsemmija fabbrika b'titolu ta' kirja taht dawk il-kundizzjonijiet stipulati fl-istess ittra. Illi kif kien mitlub jaghmel, ir-rikorrenti wiegeb ghal din il-*Letter of Intent* fiz-zmien stipulat, ghal liema twegiba huwa sahansitra rcieva *acknowledgement*;

7. Illi f'dak l-istadju u skond il-ligijiet vigenti kien jinkombi fuq il-Kummissarju ta' l-Artijiet sabiex isejjah lir-rikorrenti sabiex jiffirma kuntratt ta' lokazzjoni ibbazat fuq il-kundizzjonijiet miftehma fil-*Letter of Intent*, liema

kuntratt, ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-Kummissarju ta’ l-Artijiet jew lill-Korporazzjoni ta’ l-Izvilupp ta' Malta, qatt ma gie iffirmat;

8. Illi madanakollu l-Kummissarju ta’ l-Artijiet permezz ta' l-entitajiet li minn zmien ghal zmien kienu responsabbli ghall-proprjetajiet li jinstabu gewwa l-Oqsma Industrijali, fosthom il-Malta Development Corporation u aktar recentement is-socjeta` konvenuta (permezz ta’ Avviz Legali 360 ta’ l-2004), regolarment accettaw il-kirja mhalsa mis-socjeta` attrici, u ghal liema hlas il-konvenuta dejjem forniet id-debita ricevuta palezament indikata bhala *Description: Rent;* u dan kif jidher mill-kopji tar-ricevuti annessi;

9. Illi permezz ta' ittra datata 9 ta' Jannar 2007, il-Malta Enterprise kitbet lis-socjeta` attrici fejn infurmatha li f’kaz illi l-istess socjeta` ma tadempix ruhha mar-rekwiziti ta’ *Letter of Intent* li kienet intbaghtet mill-Malta Development Corporation fis-27 ta' Awissu 1998, l-istess Malta Enterprise kienet ser tirtira din l-ittra;

10. Illi din l-imsemmija *Letter of Intent* kienet sussiddjarja ghall-ewwel *Letter of Intent* mahruga mill-istess Malta Development Corporation fl-1986 fejn allokat il-fabbrika in kwistjoni b’titolu ta’ kirja, u li permezz taghha l-Korporazzjoni offriet illi taghti s-sit okkupat mill-istess fabbrika b’titolu ta’ cens ghal zmien ta’ hamsa u sittin sena, soggetta, *inter alia*, ghall-hlas ta’ l-arretrati ta' kera dovuti mis-socjeta` attrici sal-15 ta’ Awissu 1998;

11. Illi din it-tieni *Letter of Intent* li giet accettata mir-rikorrenti fit-23 ta’ Settembru 1998 u li ghaliha huwa kien hallas depozitu ta’ elfejn u disa’ mitt Lira Maltija (Lm2,900), kif jidher mill-*acknowledgement* ipprezentata mar-rikors, kienet intbaghtet lill-inkwilini tal-fabbriki fil-Qasam Industrijali ta’ H’Attard wara *policy* introdotta mill-Gvern sabiex jirristruttura l-Qasam Industrijali ta’ H’Attard, permezz ta’ liema *policy* il-Gvern xtaq igieghel lill-inkwilini tal-fabbriki ezistenti sabiex jinvestu bis-sahha fil-proprjetajiet u l-industrija taghhom. Fil-kaz tar-rikorrenti, l-investiment rikjest mill-Malta Development Corporation

kien konsiderevoli kif jidher mill-istess *Letter of Intent*, u li kien jirrikjedi l-permessi opportuni ghal tali zvilupp mill-Awtoritajiet Kompetenti. Effettivament dawn il-permessi nhargu recentement ossija fit-28 ta' Settembru 2004, u s-socjeta` attrici ghalhekk bdiet mill-ewwel l-adempiment ta' dak mitlub fl-imsemmija *Letter of Intent*;

12. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Malta Enterprise m'ghandha l-ebda *locus standi* fi kwistjonijiet ta' titolu u/jew zgumbrament ta' artijiet deskritti fil-Kap 228 u Kap 268 tal-Ligijiet ta' Malta;

13. Illi s-socjeta` attrici ghaldaqstant kienet kostretta tintavola l-proceduri gudizzjarji odjerni stante li s-socjeta` konvenuta ma tatha l-ebda opportunita` li taghmel ir-rapprezentazzjonijiet xierqa taghha dwar it-titolu taghha fuq is-sit de quo, u minflok gharrfitha li kienet bi hsiebha tohrog ordni ghall-izgumbrament tas-sit mill-aktar fis; u dan bi ksur palezi tal-principji tal-gustizzja naturali;

14. Illi a tenur ta' l-Artikolu 3(1) tal-Kap 228 tal-Ligijiet ta' Malta, is-socjeta` konvenuta kif vestita bid-drittjijet tal-Kummissarju ta' l-Artijiet limitatament skond l-Avviz Legali 360 ta' l-2004, ghandha s-setgha li tordna l-izgumbrament:
"ta' kull persuna minn kull art li tkun okkupata minn dik il-persuna minghajr ebda titolu jew li tkun moghtija b'*encroachment* jew, f'kaz ta' art li minn zmien ghal zmien tkun giet specifikata skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet, meta jkun skada l-perjodu ta' zmien specifikat f'kuntratt li jkun jaghti titolu, u t-tnehhija minn hemm ta' kull oggetti mobbli fi zmien specifikat li jinghata fl-ordni u jista' ghal dak il-ghan jaghti dawk id-direttivi li fil-fehma tieghu jkunu mehtiega biex kull ordni bhal dak jigi ezegwit bl-anqas dewmien possibbli".

Illi fil-kaz *de quo* s-socjeta` attrici ma taqa' taht l-ebda wahda mic-cirkostanzi deskritti u b'hekk kull ordni ghal zgumbrament mahrug mis-socjeta` konvenuta jkun ampjament *ultra vires*;

Is-socjeta` rikorrent talbet lill-Qorti:

1. Tiddikjara li s-socjeta` attrici qed tokkupa l-fabbrika ATD006 fil-Qasam Industrijali ta' H'Attard b'titolu ta' kera;

2. Konsegwentement, tiddikjara li s-socjeta` konvenuta m'ghandhiex is-setgha li tohrog ordni ta' zgumbrament fil-konfront tas-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tar-rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata li biha esponiet:

1. Preliminarjament, in-nullita` tar-rikors guramentat stante li dan ma giex precedut minn att gudizzjarju skond il-provvedimenti ta' l-Art 460 tal-Kap 12;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi s-socjeta` attrici ma ghandha l-ebda titolu fuq il-fond mertu ta' din il-kawza kif se jigi ppruvat fil-mori ta' dina l-kawza u ghalhekk it-talbiet taghha ghandhom jigu michuda;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` intimata.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

A tenut tal-verbal tad-9 ta’ Ottubru 2007 din id-decizjoni hija fuq l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` intimata bazata fuq il-Kap 12 Art 460.

Xehdet <u>Rose Mary Vella</u> fejn esebiet tliet dokumenti li huma r-ricerka li ghamlet fejn tindika l-kawzi ohra ta’ VG Tiles vs Malta Industrial Parks, il-lista mil-Lecam tal-kawza odjerna kif ukoll tal-mandat u kopja tal-mandatipprezentat minn Dr. Jean Karl Farrugia bis-sentenza b’kollox. Esebiet ukoll dokument fejn jirrizulta li ma gewx prezentati atti minn VG Tiles Co Limted fil-konfront tal-Malta Industrial Parks Limited qabel is-27 ta’ Marzu 2007 kemm fir-Registru tal-Prim’Awla kif ukoll fir-Registru tal-Qorti tal-Magistrati.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***<u>D1. Fatti tal-kaz:</u>***

Is-socjeta` attrici qed titlob li tigi rikonoxxuta li ghandha titolu ta' lokazzjoni fuq il-fabbrika ATD006 gia AT6 fil-Qasam Industrijali ta' H'Attard. Min-naha l-ohra s-socjeta` intimata eccepiet *in limine litis* illi l-azzjoni attrici hija nulla stante li r-rikors guramentat ma giex precedut min-notifika ta' att gudizzjarju ai termini ta' l-Art. 460(1) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap.12).

Dan is-sottotitolu jitratta l-kawzi tal-Gvern. L-istess socjeta` intimata irrilevat illi ghalkemm is-socjeta` intimata hi socjeta` kummercjali, l-azzjonisti taghha huma entitajiet pubblici u hi vestita b'certi dmirijiet ta' amministrazzjoni ta' artijiet li qabel kien jaghmel minnhom il-Kummissarju ta' l-Artijiet u dan ai termini ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Kap. 169).

Irreferiet ghall-artikolu 2 tal-Kap. 169 jipprovdi illi:

“Id-drittijiet u r-responsabbiltajiet kollha, kemm jekk moghtija jew kontingenti, dwar proprjeta` immobbli li tkun ta', jew fil-pussess ta', mizmuma jew amministrata mill-Gvern, jew dwar l-amministrazzjoni taghha, li ghalihom l-Accountant General kien intitolat jew suggett minnufih qabel il-bidu fis-sehh ta' din l-Ordinanza jkunu bis-sahha ta' din l-Ordinanza trasferiti lill-Kummissarju ta' l-Artijiet:

Izda dwar dawk l-artijiet li jistghu minn zmien ghal zmien jigu specifikati f'Ordni tal-President pubblikata fil-Gazzetta, il-Korporazzjoni ghal Zvilupp ta' Malta mwaqqfa bis-sahha ta' l-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Korporazzjoni ghal Zvilupp ta' Malta ghandha twettaq il-jeddijiet u r-responsabbiltajiet imsemmija f'dan l-artikolu, u d-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar Zgumbrament minn Artijiet, u ta' l-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, ghandhom ghall-finijiet ta' dawk l-artijiet jinqraw u jiftehmu daqs li kieku kull riferenza f'dawk l-Atti ghall-Kummissarju ta' l-Artijiet kienet riferenza ghac-Chairman tal-Korporazzjoni ghal Zvilupp ta' Malta, u d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 181, tas-Subtitolu VI tat-Titolu VIII tat-Taqsima I tat-TIENI KTIEB, tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 590, ta' l-artikolu 627, tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 637, ta' l-artikolu 742 u ta' l-artikolu 873 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ghandhom japplikaw, ghar-rigward ta' dawk l-artijiet, ghall-Korporazzjoni ghal Zvilupp ta' Malta u ghac-Chairman tal-Korporazzjoni ghal Zvilupp ta' Maha, skond il-kaz:
Izda wkoll b'sehh minn dik id-data li l-Ministru responsabbli ghall-affarijiet ekonomici jista' b'avviz fil-Gazzetta jistabbilixxi, il-jeddijiet u r-responsabbiltajiet ezercitati mill-Korporazzjoni ghal Zvilupp ta' Malta jew mic-Chairman taht dan l-Att jew xi ligi ohra specifikata fil-proviso ta' qabel dan ta' dan l-Att, inkluz kull jedd li ghandu x'jaqsam ma' litigazzjoni li torigina minnhom, ghandhom, dwar dik l-art skond ma jkun gie u jkun se jigi minn zmien ghal zmien specifikat f'Ordni maghmul mill-President u pubblikat skond dak l-istess proviso, ivestu f'kull awtorita` jew persuna ohra li jissemmew f'regolamenti li jsiru ghal dan l-ghan bis-sahha ta' dan il-proviso mill-Ministru msemmi sabiex ikunu l-awtorita` kompetenti minflok il-Korporazzjoni ghal Zvilupp ta' Malta, jew fic-Chairman ta' dik l-awtorita` kompetenti skond ma jista' jkun il-kaz."

Irreferiet ukoll ghall-fatt li permezz ta' Ordni Presidenzjali maghmul fl-1992, il-Korporazzjoni ghal Zvilupp ta' Malta giet vestita b'certi responsabilitajiet li qabel kien jaghmel minnhom il-Kummissarju ta' l-Artijiet, liema artijiet, specifikati fl-Ordni Presidenzjali li gie ppublikat bhala

Avviz Legali 73 ta' l-1992 jinkludu “bicca art f'H'Attard flimkien mal-bini hemmhekk mibni li tidher delineata bl-ahmar fuq il-pjanta L.D. 3/92". Skond l-istess Avviz Legali, il-pjanta L.D. 3/92 giet transunta fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli tal-15 ta' Jannar, 1992. Kopja ta' dan l-Att gie prezentat man-nota u mmarkata "Dok. B." Il-fabbrika mertu ta' dina l-kawza tinsab fil-parti delineata bl-ahmar fl-istess pjanta u ghalhekk fiz-zona li hi amministrata mis-socjeta` intimata ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Ukoll bl-emendi ghall-Kap. 169 Ii saru ligi bl-Att III ta' l-2004, inghatat is-setgha lill-Ministru sabiex jinnomina awtorita` kompetenti sabiex tiggestixxi dawk il-proprjetajiet li l-amministrazzjoni taghhom kienet ghaddiet ghand il-Korporazzjoni ghal Zvilupp ta' Malta skond Ordni Presidenzjali, u dan minflok l-istess Korporazzjoni.

Bis-sahha ta' l-Avviz Legali 360 ta' l-2004, il-Ministru semma' lis-socjeta` intimata bhala l-awtorita` kompetenti u bis-sahha ta' l-Avviz Legali 361 ta' I-2004 (Dok. C) ghadda lis-socjeta` intimata l-amministrazzjoni ta' diversi artijiet specifikati f'Ordnijiet Presidenzjali, inkluz il-jeddijiet fuq dik l-art li kienet specifikata bl-Ordni Presidenzjali ippubblikat b'Avviz Legali 73 ta' l-1992, liema Ordni Presidenzjali jirreferi *inter alia* ghall-art li fuqha tinsab mibnija l-fabbrika mertu ta' dina l-kawza fil-Qasam Industrijali ta' H'Attard, fuq liema fabbrika s-socjeta` attrici qed tippretendi li ghandha titolu ta' lokazzjoni.

***<u>D2. Apprezzament tal-fatti:</u>***

Dan iwassal ghal fatt illi hija s-socjeta` intimata li hija responsabbli ghall-amministrazzjoni ta' l-art fejn tinsab il-fabbrika li fuqha s-socjeta` attrici qed tivvanta li ghandha titolu. Infatti l-kawza odjerna giet intavolata kontra s-socjeta` intimata.

Skond l-ewwel *proviso* ta' l-Art. 2 tal-Kap. 169, fost id-drittijiet li kienu ghaddew ghand il-Korporazzjoni ghal Zvilupp ta' Malta kien hemm id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 12 relattivi ghall-kawzi tal-Gvern liema dispozizzjonijiet jinkludu wkoll l-Art. 460.

Illi l-Art. 460(1) tal-Kap. 12 jipprovdi:
"Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subadikolu (2) ta' dan l-artikolu, ebda att gudizzjarju li bih jinbdew xi procedimenti ma jista' jigi pprezentat, u ebda procedimenti ma jistghu jittiehdu jew jinbdew, u ebda mandat ma jista' jigi mitlub, kontra l-Gvern, jew kontra xi awtorita` mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalita` ufficjali taghha, hlief wara li jghaddu ghaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorita` jew persuna kif intqal qabel, ta' ittra ufficjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tigi mfissra b'mod car;"

***D3. Gurisprudenza fuq l-artikolu 460 tal-Kap 12:***

Kull att gudizzjarju li jigi prezentat fir-Registru tal-Qorti kontra d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 460 tal-Kap 12 huwa irritu u null. - Ara PA **Gauci vs Registratur tal-Qorti et** 1/2/90, **Dr. L. Vella et vs Ronald Grech et** 22/6/92, **Roger Sullivan noe vs Kontrollur tad-Dwana** 15/1/93, **Michael Spiteri vs Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar et noe** 2/10/96, **Domenico Savio Spiteri vs Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar** 29/5/97.

Fis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet **Smash Communications Limited vs Malta Communications Authority** Prim'Awla tat-22 ta' Novembru 2007gie ritenut illi "l-kelma 'persuna' kif uzata fl-Artikolu 460(1) tal-Kap. 12 tinkludi wkoll persuna guridika".

Meta persuna tkun trid tistitwixxi kawza kontra l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, qabel ma ssir ic-citazzjoni l-attur irid jinforma lill-Awtorita', permezz ta' ittra ufficjali jew protest gudizzjarju, li ghandha intenzjoni taghmel kawza. Jekk din l-ittra ma tintbaghat, a tenur tal-art 460 tal-KOPC, il-kawza tkun nulla [Sunny Coast (Caterers) Limited vs Awtorita' ta' l-Ippjanar deciza PA – Imh R Pace fit 13 ta' Lulju, 2000.

Fis-sentenza tal-Prim'Awla tas-26 ta' Gunju 2003, fl-ismijiet **Emanuel Bugeja us Mary Rose Bugeja et** il-Qorti qalet:

“Illi l-imsemmi artikolu huwa privilegg procedurali moghti lill-Gvern f’kawzi li fihom ikun imharrek u gie mfisser bhala regola ta' ordni pubbliku, u japplika ghal kull ghamla ta' att gudizzjarju li bih jinbdew procedimenti kontra l-Gvern... Illi l-imsemmi privilegg, jekk ma jitharisx, iwassal ghan-nullita` ta' l-azzjoni li tkun ittiehdet bi ksur tieghu.”

L-imsemmi artikolu jimponi doveri fuq ir-Registratur. Infatti fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) tal-10 ta' April 2003 fl-ismijiet **Salvatore Ellis er noe vs Il-Kontrollur tad-Dwana** intqal:
“Huwa desumibbli mill-artikolu appena citat illi l-ligi tirrikjedi tassattivament il-prezentata ta' ittra ufficjali jew ta' protest. Mhux hekk biss pero' ghax l-istess dispost jissokta jghid illi r-Registratur ghandu jirrifjuta li jircievi l-att gudizzjarju jew dokument iehor li jigi pprezentat fir-Registru kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu. Fuq dan l-ahhar punt tajjeb li jinghad illi kif akkolt fil-gurisprudenza anke f’kaz illi r-Registratur ikun ippermetta l-prezentata tac-citazzjoni l-istess ma tistax tissana n-nullita imposta mil-ligi.”

Ara wkoll sentenza Prim’Awla tal-25 ta' Jannar 1991 fl-ismijiet **Ines Calleja et vs Gaetano Spiteri et.**

Ukoll fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tas-27 ta' Frar 2004 tal-kawza fuq imsemmija fl-ismijiet **Domenico Savio Spiteri vs Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar** [deciza mill-Prim’Awla fid 29/5/97] gie ritenut li n-nuqqas ta' osservanza tal-provvedimenti ta' l-Art. 460 tal-Kap. 12 mhux talli jgib mieghu l-piena tan-nullita` ta' l-att li bih ikunu nbdew il-proceduri, izda jgib mieghu ukoll in-nullita ta' kull att relattiv u sussegwenti. Infatti intqal:
“Minn ezami ta' l-Artikolu 460 tal-Kap. 12 johrog bic-car li l-legislatur ried jimponi tassattivament l-obbligu li <u>ebda att gudizzjarju</u>, fosthom wiehed bhac-citazzjoni ta' l-attur, ma jista' jigi pprezentat hlief wara li jghaddu ghaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorita` jew persuna kif hemm imsemmi fil-ligi stess, ta' ittra ufficcjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tigi mfissra b'mod car... Minn ezami tal-provi mbaghad jirrizulta li fil-mument

li l-attur ipprezenta c-citazzjoni in ezami - bi ksur allura ta' l-Artikolu 460 tal-Kap. 12 - haga bhal din ma setax jaghmilha, bil-konsegwenza li dak kollu li avvera ruhu in segwitu kien irritu u null, u bhala tali ma seta' jipproduci ebda effett."

***D4. Eccezzjonijiet ghar-regola taht l-artikolu 460:***
Is-sub-artikolu (2) tal-artikolu 460 jipprovdi li:

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma japplikawx –

(a) ghal azzjonijiet ghal rimedju taht l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni; jew

(b) ghal mandati ta' inibizzjoni; jew

(c) ghal azzjonijiet ghall-korrezzjoni ta' atti ta' l-istat civili; jew

(d) ghal azzjonijiet li ghandhom jinstemghu bl-urgenza;

(e) ghal riferenzi ta' tilwimiet ghall-arbitragg,

u meta skond id-disposizzjonijiet ta' xi ligi ghandha tigi mharsa procedura partikolari, maghdud terminu jew zmien iehor, id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) m'ghandhomx japplikaw u l-imsemmija procedura, maghdud kull terminu jew zmien iehor, ghandha tapplika u tigi mharsa minflokhom.

Fil-kaz in ezami mhumiex applikabbli dawn l-eccezzjonijiet.

***D5. Kontenzjoni li s-socjeta` intimata hi entita` privata:***
Is-socjeta` rikorrenti taqbel li hi ma intavolat l-ebda ittra ufficjali jew protest gudizjarju qabel ma intavolat il-proceduri odjerni. Izda tikkontendi li dan ma kienx bi zvista *da parte* taghha stante illi hi tinstab f'litigju ma' entita privata u mhux entita li tinkwadra fl-artikolu citat. Tikkontendi li l-imsemmi artikolu jelenka dawk l-entitajiet illi b'mod perentorju u tassattiv, jirrikjedu pre-avviz

permezz ta' ittra gudizzjarja jew protest qabel ma jkunu jistghu jigu intavolati xi proceduri gudizzjarji fil-konfront taghhom.

Izda l-Qorti ma taqbilx ma’ dan ghar-ragunijiet imsemmija taht **D1** hawn fuq.

Il-Qorti sejra f’dan l-istadju tikkwota mis-sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **Is-Socjeta` Euro Chemie Products Limited vs Malta Industrial Parks Limited**, deciza fid-29 ta’ Settembru 2009, dwar il-pozizzjoni legali ta’ l-MIP. Hawn intqal:
“Illi l-Qorti ma taqbilx ma’ dan l-argument u tqis li huwa x’aktarx fieragħ għaliex MIP hija, fil-fatt, l-awtorita’ pubblika li waħedha għandha s-setgħa li taqtagħha jekk jinħariġx Ordni ta’ Żgumbrament u tagħti “pariri” lill-Kummissarju tal-Artijiet biex jordna l-ħruġ ta’ Ordni bħal dak. Il-fatt li dik l-awtorita’ għandha s-sura ta’ kumpannija kummerċjali ma jneħħihiex milli tikkwalifika bħala “korp magħqud kostitwit permezz ta’ liġi” kif imsemmi fl-artikolu 469A(2). Din ix-xejra “pubblika” toħroġ ukoll mill-binja azzjonarja tagħha, fejn l-azzjonist ewlieni huwa l-Ministeru tal-Finanzi (b’9,999 sehem ordinarju) u l-azzjonist minoritarju (M.I.M.C.O.L.)(b’sehem ordinarju wieħed) ukoll kumpannija b’investiment pubbliku qawwi. MIP tqis lilha nnifisha wkoll bħala “Government agency responsible for the management, development and administration of Government-owned industrial estates”;

Illi, minbarra dan, ħarsa lejn id-dispożizzjonijiet relattivi tal-Kap 169 tal-Liġijiet ta’ Malta jagħmluha ċara li MIP ngħatat setgħat (b’delega) li jikkaratterizżaw lil kull awtorita’ b’funzjoni pubblika. L-istess dispożizzjonijiet jixhdu wkoll li MIP tgawdi setgħat ta’ funzjoni regolatriċi pubblika u amministrativa. Il-Qorti tinnota wkoll li kienet MIP nnifisha li fit-tmien u fid-disa’ paragrafi tad-Dikjarazzjoni Maħlufa tagħha tistqarr daqstant, meta tgħid li hija “s-suċċessur” tal-Korporazzjoni għal Żvilupp ta’ Malta;...”

Dan iwassal ghall-konkluzjoni li l-azzjoni attrici hi nulla, u konsegwentement hu null l-att kawtelatorju li nhareg sabiex jikkawtela t-talbiet attrici *pendente lite*.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tilqa' l-eccezzjoni preliminari ta' l-intimata.

Spejjez kontra s-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------